# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

# IMĦALLEF
# ONOR. JOSEPH AZZOPARDI LL.D.

## Illum l-Erbgħa, 24 ta' Jannar 2018

**Kawża Nru: 20**

**Rikors Ġuramentat Nru: 1184 / 12 JA**

**Nazzareno Grima u Edwin Buttigieg għal kull interess li jista' jkollu**

**-vs-**

**Salvino Vella**

## Il-Qorti,

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat mill-atturi fit-28 ta' Novembru 2012 li permezz tiegħu ġie premess:

<u>Dikjarazzjoni dwar l-oggett tal-kawża</u>

1. Illi l-attur Nazzareno Grima jiddetjeni bi qbiela r-raba' magħrufa bħala 'Is-Sienja', Triq ir-Ramla, l-Mellieħa, u qed jippermetti lill-attur l-ieħor Edwin Buttigieg, li jiġi żewġ

bintu, jaħdem l-istess raba' fl-interess tal-istess attur Nazzareno Grima.

2. Illi lejn l-aħħar jiem ta' Ottubru 2012 il-konvenut illegalment u abbusivament qata' *pipe* għat-tisqija li jgħaddi mill-kanali tal-ġebel li jwasslu l-ilma għall-għelieqi tal-attur Nazzareno Grima, u dan għal meta jkollu bżonn isaqqi.

Raġuni tat-talba

3. Illi l-aġir tal-istess konvenut jammonta għal spoll fit-termini ta' dak li jiddisponi l-Artikolu 535 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

4. Illi l-istess konvenut qed jirrifjuta li jirripristina s-sitwazzjoni tal-*pipe* in kwistjoni għall-*istatus quo ante*.

Talba

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija l-atturi qegħdin bil-qima jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. Tiddikjara li l-konvenut ikkommetta spoll privileġġjat *ai termini* tal-Artikolu 535 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta u dan meta fil-perjodu fuq imsemmi qata' l-*pipe* in kwistjoni.

2. Tordna u tikkundanna lill-konvenut *occorrendo* taħt is-superviżjoni ta' periti nominandi sabiex fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilu ffissat minn din l-Onorabbli Qorti jagħmel dawk ix-xogħlijiet kollha necessarji a spejjeż tiegħu biex jirripristina s-sitwazzjoni għall-*istatus quo ante*, billi jirripristina l-*pipe* għal kif kien qabel ma qatgħu.

3. Illi fin-nuqqas illi l-konvenut jagħmel dak lilu ordnat fit-tieni talba, l-istess atturi jiġu awtorizzati sabiex jagħmlu dak kollu

neċessarju għall-fini tal-istess talba u dan a spejjeż tal-konvenut.

4. Illi fl-eventwalita' illi l-istess atturi jkunu kostretti li jagħmlu x-xogħlijiet huma kif mitlub fit-tielet talba, l-istess konvenut jiġi kkundannat iħallas lill-atturi l-ispejjeż kollha minnhom inkorsi għall-skopijiet fuq imsemmija, u dan wara li jiġu verifikati mill-perit hekk kif maħtur minn din l-Onorabbli Qorti hekk kif mitlub aktar 'il fuq, u dan pero' mingħajr ebda preġudizzju għal kull proċedura oħra li tista' tittieħed kontra l-konvenut għad-disprezz lejn l-awtorita' ta' din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjeż u bil-konvenut minn issa nġunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-atturi u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut ippreżentata fit-8 ta' Marzu 2013 li permezz tagħha eċċepixxa:

1. It-talbiet attrici huma għal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt.

2. Il-konvenut ma spoljax lill-atturi minn xi pussess leġittimu.

3. Ma jeżistux l-elementi biex jikkostitwixxu l-ispoll allegat mill-atturi f'din il-kawża.

4. Kien l-istess attur Edwin Buttigieg illi kkommetta spoll abbusiv klandestin u vjolenti għad-drittijiet tal-konvenut, u l-konvenut aġixxa sabiex jispurga dan l-ispoll.

5. L-atturi ma għandhom ebda dritt illi jinvokaw il-protezzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti għall-aġir abbusiv u llegali tagħhom.

6. Għalhekk it-talbiet kollha tal-atturi għandhom jinċaħdu bl-ispejjeż kontrihom.

7. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ.

Bl-ispejjeż kontra l-atturi, li huma minn issa ngunti in subizzjoni u għall-kontro-eżami.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti proċesswali kollha u l-verbal tas-seduta tat-18 ta' Ottubru 2017 fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut;

**Ikkunsidrat:**
Illi kif jidher ċar mir-rikors promotur, din hija kawża ta' spoll fejn l-atturi qed isostnu illi l-konvenut qata' *pipe* għat-tisqija li jgħaddi mill-kanali tal-ġebel li jwasslu l-ilma għall-għelieqi tal-attur li huwa jiddetjeni bi qbiela u dan għal meta jkollu bżonn isaqqi.

Illi kif hu sew magħruf u kif ġie ripetutament imfisser mill-Qrati tagħna, huma tlieta l-elementi rikjesti biex azzjoni ta' spoll tirnexxi, u ċjoe':

1. il-pussess (*possedisse*);

2. li l-azzjoni spoljattiva tkun saret bil-moħbi jew kontra l-volonta' tal-attur (*spoliatum fuisse*); u

3. li l-azzjoni ssir fi żmien xahrejn minn meta jkun seħħ l-ispoll (*infra bim ester deduxisse)*.

Illi l-konvenut qed jikkontesta din l-azzjoni u jeċċepixxi diversi eċċezzjonijiet kif indikat aktar 'il fuq, fosthom illi huwa ma spoljax lill-atturi minn xi pussess leġittimu u illi ma jeżistux l-elementi biex jikkostitwixxu l-ispoll allegat mill-atturi, u li huwa aġixxa biex jispurga spoll li kkommettew l-atturi, senjatament Edwin Buttigieg, fil-konfront tiegħu.

Illi mill-provi mressqa, il-partijiet kollha jiddetjenu b'mod jew ieħor għelieqi fl-inħawi tal-aħrax tal-Mellieħa bl-attur Nazzareno Grima jiddetjeni bi qbiela r-raba' magħrufa bħala 'Is-Sienja', Triq ir-Ramla li jaħdimha l-attur l-ieħor Edwin Buttgieg u l-konvenut li jaħdem l-għalqa, li ġejja minn wirt ommu, li tinsab fir-Ramla tal-Bir.

Illi mix-xhieda tiegħu l-attur Nazzareno Grima jgħid illi huwa jattendi f'din ir-raba' kważi kuljum u sabiex tissaqqa' din l-imsemmija raba' tintuża kanna li skont ma ddikjara tgħaddi fuq il-qatgħa kollha. Jiddikjara a fol. 20 li huwa skopra li l-kanna ma baqgħetx hemm u għalhekk *"għamilna pipe tal-lakstu flokha"*. Dan sar peress li l-kanna diebet b'riżultat li ma setgħux isaqqu. Jistqarr li qabel dan il-*pipe*, mertu ta' din il-kawża, kien hemm kanali li kien ilhom jintużaw 'il fuq minn mitt sena, li wara li bdew jitfarrku biż-żmien, u bdew jagħmlu biċċa kanna flokhom.

Illi kontro-ezaminat l-attur jgħid li l-*pipe* tal-lakstu tpoġġa fejn kien l-antik.

Illi mill-provi prodotti senjatament mill-attur Edwin Buttigieg a fol 27, jirriżulta li kien hu li għamel il-*pipe* tal-lasktu biex ikompli flok il-kanna li kien hemm qabel. Jixhed ukoll billi jgħid li l-mgħoddija tal-ilma ilha hemm għal madwar 40 sena hekk kif jiftakarha hu. Jistqarr ukoll li kien hu stess li ra lill-konvenut jaqta' l-imsemmi *pipe* b'sega u li ftit wara kellhom xi jgħidu kif juri r-rapport li sar dakinhar stess (a fol 42) u kif jirriżulta mis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta'

Ġudikatura Kriminali tat-23 ta' Ottubru 2015 fl-ismijiet **"Il-Pulizija vs Salvinu Vella"** (a fol 121)' għalkemm naturalment il-proċeduri kriminali u dawk ċivili huma separati u distinti minn xulxin.

Illi huwa magħruf illi tali azzjoni hija ntiża sabiex ħadd ma jieħu l-liġi b'idejh u ma jaġixxix f'dan is-sens anke jekk ikollu raġun fis-sustanza. Min għandu dritt li jieħu pussess ta' xi oġġett jew proprjeta' għandu jaġixxi ġudizzjarjament u mhux jieħu huwa stess l-inizjattiva. Fuq dan il-punt, fil-kawża deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Mejju 1956 fl-ismijiet **"Vincenzina Cassar et vs Annetto Xuereb Montebello"** ingħad illi:

*"Il-ġurisprudenza tat-Tribunali tagħna dejjem kienet kostanti fl-interpretazzjoni ta' dawn il-Liġijiet fis-sens li l-azzjoni ta' spoll hija 'di ordine pubblico', unikament u esklussivament intiża biex timpedixxi li wieħed jagħmel ġustizzja b'idejh mingħajr l-intervent tat-tribunal ċivili u tipprevjeni l-konsegwenzi deplorevoli ta' aġir simili. Għalhekk il-liġi tivvjeta l-allegazzjoni ta' kwalsiasi eċċezzjoni li ma tkunx dilatorja kontra r-reintegrazzjoni u tiċċirkoskrivi l-eżami tal-Qorti għall-fatt biss tal-pussess u tal-ispoll denunzjat. Ir-reintegrazzjoni għandha dejjem tiġi ordnata mill-Qorti, kwantunkwe l-pussess jista' jkun vizzjat u min jikkommetti l-ispoll ikun il-veru proprjetarju tal-ħaġa li minnha l-possessur tagħha jkun ġie spoljat."*

Illi f'din is-sentenza l-Qorti ċċitat sentenza riportata fil-**Volum XXXIII-ii-83** fejn ġie ritenut:

*"che la reintegrazione dovra' essere dalla Corte ordinate, comunque viziato possa essere il possesso dell' attore, comunque il citato possa essere il vero propietario della cosa di cui l' attore avesse sofferto lo spoglio; sicche' l' indagine intormo alla legittimita' del possesso, da farsi in altra sede, tornerebbe oziosa in questo giudizio..."*

Illi fis-sentenza "**Alfredo Delia vs Bonaventura Schembri et**" (deċiża mill-Prim' Awla fl-4 ta' Frar 1958) ġie ritenut illi:

*"L-azzjoni ta' spoll isservi biex tipproteġi l-pussess, ikun x'ikun ... li jiġi vjolentement jew okkultament mehuda mingħand il-possessur jew detentur, u ġie deċiż kemm-il darba li tapplika wkoll għat-tutela tal-kważi pussess tad-drittijiet legali, u hija inerenti għall-fatt ta' min b'awtorita' privata ... jagħmel għad-dannu ta' terza persuna att li għalkemm jista' jkollu dritt għalih ma jistax jeżerċitah mingħajr intervent tal-Qorti."*

Illi fi kliem **Pacifici Mazzoni** spoll vjolent huwa *"qualunque atto arbitrario che per forza privata si compia contro la volontarieta' dello spogliato"*. (Vol III Sez. 52).

Illi kif ukoll intqal fil-kawża **"Margħerita Fenech vs Pawla Zammit"** deċiża fit-12 ta' April 1958:

*"L-actio spolii hija radikata pjuttost fuq l-esiġenzi ta' utilita' soċjali milli fuq il-prinċipju assolut ta' ġustizzja u hija eminentement intiża l-protezzjoni ta' kwalunkwe pussess u jiġi impedut liċ-ċittadin privat li jieħu l-liġi f'idejh; b'mod li l-fini tagħha huwa dak li jiġi restawrat l-istat tal-pussess li jkun ġie skonvolt jew turbat."*

Illi wieħed ukoll isib dikjarat fis-sentenza fl-ismijiet **"Cardona vs Tabone"** – deċiża fid-9 ta' Marzu 1992 mill-Qorti tal-Appell illi:

*"Kif kellha okkażjoni tesprimi ruħha l-Onorabbli Qorti tal-Appell, l-indaġini li trid issir hija waħda limitatissima, rigoruża u skarna, u ma tinsab f'ebda leġislazzjoni oħra, u kompliet tgħid illi għalhekk indaġinijiet ibbażati fuq x'jgħidu u ma jgħidux ġuristi u awturi Franċiżi u Taljani huwa għal kollox irrilevanti u inapplikabbli fil-kuntest tal-ordinament ġuridiku tagħna …*"

Illi fil-fehma tal-Qorti l-kwistjoni prinċipali f'din il-kawża hija jekk l-atturi kellhomx il-pussess tal-*pipe* qabel ma l-konvenut qatgħu. Kif inhu risaput, f'kawża ta' spoll *"il-Qorti għandha teżamina biss il-fatt tal-pussess jew tad-detenzjoni u l-fatt tal-ispoll"* (Art. 791(3) tal-Kap. 12). Hu paċifiku li l-espressjoni *'pussess ta' kwalsiasi xorta'* tikkomprendi tant il-pussess ċivili kemm dak sempliċiment naturali u anke dak vizzjuż (**Vol XL11 p II p. 973**), pero' hu meħtieġ dejjem li l-**attur jipprova li għandu dan il-pussess (Vol XXXII p II p 238**). Pussess, anke wieħed qasir ħafna u saħansitra momentanju jibbastaw biex jawtorizżaw l-azzjoni ta' spoll (**Vol XXXVII p II p 642**).

Illi l-Qorti żammet aċċess fl-20 t'Ottubru 2015 fl-ambjenti in kwistjoni fejn il-partijiet spjegaw lill-Qorti l-verżjonijiet tagħhom dwar kif oriġinarjament kienu għaddejjin il-kanali li jwasslu l-ilma fl-għelieqi rispettivi tagħhom qabel ma ġara dan l-inċident.

Rigward l-element taż-żmien ma hemm ebda kontestazzjoni li l-azzjoni saret *entro* x-xahrejn rikjesti mil-liġi.

Illi fil-każ odjern pero' tqum il-kwistjoni tal-prinċipju *vim vi ripellere licet*. M'hemm ebda dubju kif ġja' intqal u mhux kontenstat illi l-konvenut qata' l-*pipe* qabel ma ġiet intavolata l-kawża.

Illi kif qalet il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **"Jason Zammit vs Angele Zammit"** mogħtija fid-19 ta' Jannar 2011:

*"fl-azzjoni ta' spoll privileġġjat, huwa stabbilit li difiża bħal dik tista' tittella' biss jekk jikkonkorru ċirkostanzi partikolari. Dawn huma mfissra fit-tagħlim dottrinali fejn irid jintwera li:*

*(a) kien hemm għemil spoljattiv vjolenti,*

*(b) li r-reazzjoni biex tirribatti dak l-għemil isseħħ minnufih jew fi żmien qrib (ex continenti non ex intervallo), u*

(b) *li dik ir-reazzjoni sseħħ fl-istess ċirkostanza li jkun seħħ l-għemil spoljattiv (in ipso congressu). Dan huwa tagħlim li l-Qrati tagħna jidher li ħaddnu wkoll. Biex jista' jingħad li r-reazzjoni għall-fatt spoljattiv tkun seħħet ex confestim jew ex continenti mhux bilfors li tkun trid titwettaq sewwa sew fl-istess waqt li jkun qiegħed isir l-għemil spoljattiv tal-parti l-oħra, iżda m'għandux lanqas jilħaq jgħaddi żmien twil biex wieħed jista' jibqa' jgħid li l-għemil tiegħu kien tassew reazzjoni mġarrba mill-vjolenza tal-parti l-oħra. F'każ partikolari, il-mogħdija ta' ftit sigħat jew ta' xi jum jew tnejn tqiesu li jaqgħu taħt il-kappa tal-kontestwalita' ex continenti;"*

(ara wkoll Kollazz Vol. XLI P II p 846; **"Frances Spiteri vs Ġilju Briffa"** [Appell Sede Inferjuri tal-15 ta' April 1986]; **"Carmelo Sant vs Gerolamo Deguara et"** [Appell Civili tal-25 ta' Jannar 1989; **"Georgina Borg vs Errol Cassar et"** [Prim'Awla tal-21 t'Ottubru 2002], u **"Baldacchino Kerr vs Baldacchino"** [Appell tal-5 ta' Diċembru 2014].

Illi fuq dan l-aspett ukoll, il-Qorti tal-Appell fil-kawża **"Gorg Camilleri vs Gorg Bonello"** (deċiża fil-5 t'Ottubru 1998) qalet illi:

*"F'azzjoni possessorja ta' din ix-xorta l-att turbattiv tal-pussess li ta lok għaliha għandu dejjem ikun identifikabbli u għandu dejjem jiġi bi preċiżjoni identifikat ('spolitaum fuisse') bħala fatt li seħħ fi żmien determinat mhux biss għaliex mill-mument meta javvera ruħu li l-perijodu ta' dekadenza estintiva tal-azzjoni jibda jiddekorri, imma wkoll għaliex it-talba jeħtieġ tkun għar-reintegrazzoni tal-attur."*

Illi l-Qorti ċċitat sentenza antika (**Vol XXIV** P 1 paġna 281) fejn ġie ritenut illi:

*"Dell' altro canto chi rimuove ostacoli trovati nel passaggio alle proprie terre per apririvi l' accesso <u>che prima possedeva</u> non fa' atto violento, ne' commette spoglio, ne' si fa' giustizia da se' ma eseracita il su diritto <u>entro i limiti del suo possesso</u>, o meglio, <u>afferma e continua il proprio possesso</u> di cui era in godimento legittimo che fu turbato da chi ha posto quegli ostacoli."*

Illi l-Qorti mbagħad qalet li dan naturalment japplika *a contrario senso*. Naturalment pero' din l-azzjoni tal-konvenut trid tkun saret <u>immedjatament</u> wara li jkun sar l-ispoll tal-attur biex tkun ġustifikata. (ara wkoll is-sentenzi **"Pellegrini Petit vs Sammut"** – Appell deċiż fis-16 ta' Jannar 1920, u **"Sammut vs Sammut"** – deċiża mill-Prim Awla fil-31 ta' Jannar 2003).

Illi l-Qorti tkompli billi tgħid illi:

*"…l-eċċezzjoni tal-vim vi repellere tista' tingħata biss meta l-azzjoni difensiva ssir confestim jew in continenti u mhux ex intervallo (Vol. XL 1, pt.11, p.846);*

*Mill-banda l-oħra l-immedjatezza li trid il-liġi ma tistax u ma għandhiex tiġi ekwiparata mar-reazzjoni kontemporanja ma' l-aġir spoljattiv li bih l-attur jużurpa l-pussess tal-konvenut u jakkwistah a skapitu tiegħu. Interpretazzjoni riġida bħal din twassal għal sitwazzjoni assurda jekk mhux ukoll provokatorja għall-konfront fiżiku vjolenti bejn min kien ikun qiegħed jikkontesta l-istess dritt għax tipprovoka konfrontazzjoni fiżika mmedjata f'sitwazzjoni spiss esplossiva;*

*'nessuno nega che sia lecito non soltanto di conservare e defendere colle forza il possesso ne di ricuperare eziando colla forza il possesso perffetto della violenza perduta; l'unica*

*condizione che viene richiesta al riguardo si e' che la forza si impiegħi confestim o in continenti non ex intervallo. Se non che quando si dice confestim non va gia intesa la parola in senso assoluto e strettamente literale bensi in sneso relattivo ed a seconda delle circostanze da apprezzarsi della prudenza del judice' (Vol. XXIX pt. 1, p. 281)".*

Illi fix-xhieda tiegħu tad-29 ta' Mejju 2015, il-konvenut jgħid illi l-għalqa tiegħu tinsab f'diżlivell, u jkompli jispjega kif kien jgħaddi l-ilma għat-tisqija tal-għelieqi (a fol 63 et seq). Jixhed billi jgħid illi l-*pipe* sar fis-27 t' Ottubru 2012 wara nofsinhar peress li fis-26 t'Ottubru ma kien hemm xejn (a fol 66) u kif sabu mwahhal fit-28 t'Otturbu filgħodu, dak il-ħin stess, permezz ta'sega qatgħu għaliex dan il-*pipe* kien qed jimpedih milli jinżel ġewwa l-għalqa tiegħu. Jispeċifika li ħadd ma kien avviċċinah biex jgħaddu *pipe* minn hemmhekk u hekk kif sab il-*pipe "qbadt mort ġibt is-sega u qtajtu ... Dak il-ħin stess, biex inħalli l-passaġġ liberu tagħna, li ilna ngawdu mitt sena".* Dan huwa anke kkonfermat mix-xhieda li tat in kontro-eżami Susan Buttigieg li tiġi bint l-attur Nazzareno Grima u mart l-attur l-ieħor Edwin Buttigieg, fejn tistqarr li dan il-*pipe* mertu tal-kawża odjerna, kien għadu kif tqiegħed hemmhekk u tispeċifika li kien ilu hemm, fil-post ta' fejn kienet qabel il-katusa, għal lejl u ftit siegħat (a fol 34).

Illi l-Qorti hija konvinta illi <u>għall-konvenut</u>, l-atturi kkommettew spoll u għalhekk il-Qorti jidhrilha li l-konvenut irrisponda għal dak li deherlu li kien spoll tal-atturi billi ddefenda ruħu immedjatament u b'mod proporzjonat. Infatti, tenut kont iċ-ċirkostanzi kollha hekk kif provduti lil din il-Qorti, din tosserva illi r-rekwiżit essenzjali tal-immedjatezza għas-suċċess ta' din id-difiża ġiet ipprovata. Ir-reazzjoni tal-imsemmi konvenut kienet di fatti waħda immedjata (*confestim*) *stante* illi r-reazzjoni tiegħu avverat ruħha *entro* inqas minn ġurnata u għalhekk fuq dan l-argument il-Qorti tħoss li għandha takkolji tali argument kif imressaq mill-konvenut stess.

## DEĊIŻJONI

**Il-Qorti għalhekk għal dawn il-motivi qed tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut u tiċħad it-talbiet tal-atturi fl-intier tagħhom.**

**L-ispejjeż tal-kawża jkunu a karigu tal-atturi.**

**Moqrija.**

**Onor. Joseph Azzopardi LL.D.**
**Imħallef**

**Mario Debono**
**Deputat Reġistratur**